


## Il-grandiment

Ix-xogħol tad-drapp fil-festi Maltin huwa wieħed ferm popolari u element importanti fl-armar. Frażi komuni li nisimgħu fost dawk kollha involuti fl-armar hi li d-drapp jimla u jagħti dehra kompluta lill-pjazza jew it-triq meta jkun jikkumplimenta x-xogħol tal-injam. Bħal kull sengħa oħra marbuta mal-festi, ix-xogħol fuq id-drapp żviluppa sal-punt li llum qegħdin naraw disinji ferm elaborati, li kultant jaf ikunu wkoll esaġerati imma li jsiru skont il-gosti ta' dawk li kkummissjonawhom. L-istil barokk jiddomina bħal dejjem, għalkemm imbagħad insibu stili oħrajn.

Kollox jibda mid-disinn fuq il-karta fejn id-disinjatur li ħafna drabi jkun dak li jkun sa jisfuma d-disinn, jagħmel dak li jissejjaħ abbozz. Hawnhekk il-ħsibijiet kollha tal-artist ikunu fuq il-karta għall-attenzjoni tal-kummissjonant.

Il-mod oriġinali ta' kif isir il-grandiment hu billi d-disinn jinqasam f'kaxxi; kull kaxxa jkollha ratio (per eżempju 1:3 jew aktar). B'hekk jagħmilha aktar faċli għad-disinjatur li jkabbar id-disinn ta' kull kaxxa, din id-darba ġo kaxxi to scale fuq il-grandiment.


**Id-disinn oriġinali mill-artist.**

Huwa waqt dan il-proċess, li d -disinjatur jibda jara eżattament fejn ikollu bżonn jirranġa fid-disinn sabiex dak finali jkun jidher l-aħjar.

Ix-xogħol tal-grandiment illum qed isir b'metodi differenti minn dak oriġinali bħall-grandiment permezz tal-photocopy jew inkella permezz ta' light projector. Hawnhekk id -disinn jitpoġġa fuq apparat apposta li jipproġetta d-disinn to scale mal-ħajt. Kulħadd jaħdem bil-mod tiegħu, bl-għan aħħari jkun li jitfassal disinn li jirrispetta dak tad-disinjatur u fl-istess waqt ikun addattat għall-ħajjat u l-isfumatur.

Dan il-proċess huwa wieħed importanti għaliex dak li jkun jidher fuq il-grandiment, ikun rifless fuq id-drapp u allura, fuq l-opra tal-armar li tkun esebita fil-festa.

Dan id-drapp, minbarra li għandu kuluri sbieħ, huwa l-aktar drapp li jiflaħ għall-element tax-xemx, li apparti r-riħ qawwi, joffri l-ikbar sfida għall-armar tad-drapp.



Bandalora lesta mill-ħjata.

Il-ħajjat jibda billi jifrex id-drapp bil-kulur tal-bażi. Fuq l-istess drapp, imbagħad, jinfirex drapp ieħor li jkun sa jintuża biex isir id-disinn. Ġeneralment dan ikun drapp isfar, għalkemm insibu kuluri bħall-abjad ukoll. Hawnhekk, il-ħajjat juża l-grandiment li jkun sar tal-bandalora, u bil-paċenzja kollha, iħażżeż id-disinn fuq id-drapp. Il-pass li jmiss huwa biex ngħidu hekk l-aktar wieħed metikoluż, għaliex fih, id-disinn jitgħadda bil-magna sabiex jinħiet fuq id-drapp tal-bażi.

Meta dan il-proċess jitlesta, il-ħajjat jibda jaqta' mad-disinn li jkun ħażżeż u mal-ħjata li jkun għadda. Għalkemm il-proċess jidher faċli, ċertament li dan jeħtieġ attenzjoni liema bħalha. L-iċken żball jaf ikun ifisser li x-xogħol kollu li jkun sar qabel jiġi fix-xejn.

B'hekk f'dan l-istadju, il-bandalora tkun imfassla u d-disinn meħjut. Ikun imiss għalhekk li jinħietu l-pockets fejn fihom jidħlu channels tal-aluminju u l-lasta tal-injam jew tubu tal-aluminju fuq nett, sabiex iżommu l-pendent jew il-bandalora dritta. Filwaqt li dari, bandalora jew pavaljun kienu jkunu b' disinn sempliċi, u għalhekk ma kinux jirrikjedu aluminju biex iżommu dritti, id-disinji elaborati li nsibu llum jitolbu li l-bandalora jew pavaljun jibqgħu dritti sabiex jitgawdew mill-pubbliku.

Fil-każ tal-bandalori, ġeneralment dawn issirilhom l-inforra fuq wara. Dan ifisser li d-drapp tal-bażi jkun doppju sabiex dan jiflaħ aktar għall-elementi.

Jinħietu wkoll ħoloq tad-drapp fuq wara biex minnha jgħaddi l-ħabel li mbaghad jintuża sabiex ittella' l-bandalora mal-arblu.

Il-proċess tal-ħjata jiġi fi tmiemu billi tinħiet il-frenza safra fit-tarf tal-bandalora u l-pendenti. Moħbija wara din il-frenza, insibu ħoloq tad-drapp, li magħhom jeħlu ġmiemel tal-injam jew fibre. Dan sabiex jagħtu dehra aktar sinjorili.



Il-bandalora kif lesta mill-proċessi kollha, nkluż dak tal-pittura

Mingħand il-ħajjat għal għand l-isfumatur. L-opra tad-drapp li issa tlestiet mill-ħjata tgħaddi għall-proċess tal-isfumar. Hawnhekk il-pittur, permezz tad-daqqiet tal-pinzell, joħroġ id-dettalji tad-disinn li jkun għamel id-disinjatur tal-proġett. Dawn id-dellijiet isiru fuq id-disinn li l-ħajjat ikun fassal, qata' u ħiet. L-isfumatur isegwi bir-reqqa d-disinn sabiex bħalma jkun sar fil-grandiment u l-ħjata, jibqa' fidil lejn id-disinn oriġinali.

L-isfida f'dan l-istadju hi li minn faċċata ta' drapp isfar, l-isfumatur jirnexxilu joħroġ dawk id-dettalji bħall-fjuri, mensoli u disinji oħra. Il-kuluri li jintużaw huma kannella fl-aħmar jew aħjar burnt sienna, kannella skur jew burnt amber, abjad, kif ukoll iswed. Dan tal-aħħar ġeneralment jintuża fuq l-aħmar fejn l-isfumatur jgħaddi mad-disinn sabiex jaqla' kuntrast bejn id-disinn isfar u dak iswed.

Dan iwassal sabiex jinħoloq effett tridimensjonali. Iktar mal-isfumar ikun dettaljat u konsistenti fejn jidħlu dellijiet, aktar joħroġ dan l-effett.

Fl-aħħar tal-proċess, jingħataw pinzellati ħfief bil-kulur abjad fuq id-disinn kollu u dan sabiex jinħoloq aktar kuntrast.

# Il-materjal użat

Tracing paper kbira u marker għall-grandiment
Drapp tat-tip cremplin bil-kulur aħmar, isfar, u blu

Frenza b'tul ta' 3-4 pulzieri ta' kulur isfar

Channels u tubi tal-aluminju

Ġmiemel tal-injam li jinħadmu bit-torn

Labardi tal-injam għat-trufijiet

Kuluri acrylic bħal kannella fl-aħmar (burnt sienna) u kannella

Skur (burnt amber), iswed u abjad

## Il-metodu fil-qosor

Id-disinn tal-artist jiġi mkabbar to scale u minnu l-ħajjat ifassal id-disinn, jaqta' d-drapp skont il-qies, iħażżeż id-disinn fuq id-drapp isfar u jgħaddi bil-ħjata mad-disinn. Wara jinqata' d-drapp isfar żejjed.

Jinħietu l-pockets għat-tubi u c-channels tal-aluminju, il-frenza, u l-ħoloq tal-ġmiemel. Ix-xogħol meħjut jittieħed għand l-isfumatur fejn, permezz tad-disinn oriġinali joħroġ id-dellijiet u d-disinji meħtieġa.

